

31991R3777

L 356/45

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.12.1991

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3777/91  
tat-18 ta' Diċembru 1991**

**li jiftaħ bejgħ bi sejħa għal offerti permanenti sabiex jintuża fil-Komunita l-alkoħol imnissel mill-inbid miżmum mill-aġenziji ta' l-intervent**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) No 1734/91<sup>(2)</sup>,

Wara l-kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3877/88 tat-12 ta' Diċembru 1988 li jippreskrivi regoli ġenerali għall-qerda ta' l-alkoħol miksub mill-operati tad-distillazzjoni riferiti fl-Artikoli 35, 36 u 39 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87 u miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent<sup>(3)</sup>, u partikolarment Artikolu 1 miġjub fih,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1780/89<sup>(4)</sup>, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 3776/91<sup>(5)</sup>, jippreskrivi regoli dettaljati għal-qerda ta' l-alkoħol miksub mill-operati tad-distillazzjoni riferiti f'Artikoli 35, 36 u 39 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87 u miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent; billi r-regoli dwar stedinet permanenti għall-offerti ġew emendati mir-Regolament (KEE) Nru 3776/91;

Billi, minħabba fin-nefqa involuta fil-ħażna ta' l-alkoħol, huwa mixtieq li jinfetħ bejgħ ġdid permezz ta' stedina permanenti għall-offerti ta' l-alkoħol imnissel mill-inbid maħsub għall-użu ġdid fl-industrija;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija ta' l-Inbid,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1991.

*Għall-Kummissjoni*

Ray MAC SHARRY

*Membru tal-Kummissjoni*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Ser ikun hemm bejgħ permezz ta' stedina permanenti għall-offerti ta' alkol ta' 100 % vol miksub mill-operati tad-distillazzjoni riferiti f'Artikoli 35, 36 u 39 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87 u miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent Spanjoli, Franċiżi u Griegi.

2. Il-kwantita ta' l-alkoħol mogħtija taħt il-proċedura ta' l-għoti ta' l-offerti msemmija m'għandhiex taqbeż l-400 000 ettolitri kull sena.

3. L-alkoħol offrut għall-bejgħ għandu jintuża fil-Komunita skond Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1780/89.

*Artikolu 2*

Il-bejgħ għandu jsir skond ir-Regolament (KEE) Nru 1780/89, u partikolarment l-Artikoli 2 sa 9 u 29 sa 38 miġjuba fih.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 163, tas-26.6.1991, p. 6.

<sup>(3)</sup> ĠU L 346, tal-15.12.1988, p. 7.

<sup>(4)</sup> ĠU L 178, ta' l-24.6.1989, p. 1.

<sup>(5)</sup> Ara paġna 43 ta' dan il-*Ġurnal Uffiċjali*.